32004D0896

29.12.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 388/1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Novembru 2004

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika taċ-Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u partikolarment l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att anness għat-Trattat ta' Adeżjoni u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Settembru 2003 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, għan-nom tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tinnegozja ma' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn in-negozjati ntemmew b'suċċess u, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

(3) Il-partijiet tal-Protokoll relatati mal-Komunità għandhom jiġu applikati proviżorjament mid-data ta' l-adeżjoni, sakemm jiġu kompletati l-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni formali tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, suġġett għal konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Sakemm jidħol fis-seħħ il-Protokoll, il-partijiet tiegħu relatati mal-Komunità għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Mejju 2004.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT